# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

### MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Jannar, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 195/1994G1(PC)**

Francis u Antoinette konjugi Buttigieg .

vs

Ruben Said .

Illum 25 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra E-sitta, erbgha, sitta tlieta (E-6463) minn Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex, ghal go Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur, Ghawdex, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni ittra 0-tlieta, hamsa, tnejn, hamsa (0-3525) misjuqa mill-konvenut .

Dan l-incident gara unikament u esklussivament konsegwenza ta' imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolarment tat-traffiku da parti tal-konvenut li hareg minn triq sekondarja minkejja STOP sign ezistenti proprju f'dawk l-inhawi .

Konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni sostanzjali konsistenti fi hsarat fil-vettura msemmija .

Minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u ghad-danni konsegwentement sofferti mill-atturi .

2. Tillikwida dawn id-danni .

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta f'Ottubru 1994, u ittra ufficjali ohra spedita f'Novembru, 1994 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Francis Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. It-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt, stante illi ghall-incident de quo kien jahti proprju l-attur Francis Buttigieg minhabba sewqan traskurat, esagerat u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u minhabba illi hu ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tieghu tat-triq .

2. L-"iStop sign" imsemmija mill-atturi ma kienetx applikabbli ghad-direzzjoni minn fejn kien gej il-konvenut izda ghal min ikun gej minn Triq il-Kappillan; u inoltre fil-mument tal-incident, Ruben Said kien wieqaf mentri l-vettura misjuqa mill-attur kienet ghadha miexja bi speed konsiderevoli .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-Kontro-Citazzjoni tal-konvenut fejn, wara li ppremetta illi :

Il-konvenut Ruben Said irid jinqeda bic-citazzjoni prezentata mill-atturi sabiex jipprezenta l-kontro citazzjoni tieghu ;

Fil-ghaxra (10) ta' Ottubru elf disa' mija erbgha u disghin (1994), Ruben Said kien qed isuq il-vettura 0 3525 (Ittra 0 Tlieta hamsa tnejn hamsa) minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur fid-direzzjoni ta' Triq il-Knisja, meta din sfat investita minn vettura numru E 6463 (Ittra E sitta erbgha sitta tlieta) misjuqa mill-attur Francis Buttigieg ;

Dan l-incident gara unikament u esklussivament tort u responsabbilita' tal-attur Francis Buttigieg minhabba illi dan kien qed isuq il-vettura tieghu bi speed esagerat fic-cirkostanzi tal-post, u wkoll ghaliex l-istess attur ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq tieghu, u b'mod iehor ma kienx qieghed josserva ir-regolamenti tat-traffiku kif jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Per konsegwenza tal-istess incident, il-vettura 0 3525 sofriet hsarat ingenti ;

Ghalkemm il-vettura misjuqa minn Ruben Said ma kenitx tieghu, hu kellu jhallas id-danni sofferti fl-istess vettura minn butu; kif ukoll kellu jhallas minn butu ghall-kiri ta' karrozza ad uzu ta' Michael Dalli, sid l-istess vettura ;

Minkejja diversi interpellazzjonijiet l-attur naqas illi jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni .

Talab lill-atturi jghidu ghalhiex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lil Francis Buttigieg unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi, u ghad-danni konsegwentement sofferti minn Ruben Said ;

2. Tillikwida dawn id-danni ;

3. Tikkundannahom jhallsu lil Ruben Said l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali ta' Novembru 1994 kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti huma ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal din il-kontro-talba fejn eccepew illi :

1. In-nuqqas ta' interess guridiku fil-konvenut li jagixxi b'din il-kontro-talba .

2. Illi ma hux moghti bil-ligi lill-konvenut il-jedd li jagixxi kontra l-atturi stante li huwa qieghed jirreklama r-risarciment ta' danni sofferti minn hadd iehor .

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess id-domandi tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-incident mertu tal-kawza gara unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti relattiva ta' l-atturi.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet bejn zewg vetturi, wahda tat-tip “Ford Capri” bin-numru tar-registrazzjoni E-6463 misjuqa mill-attur u proprjeta’ tieghu u l-ohra “Jeep Suzuki” bin-numru tar-registrazzjoni 0-3525 misjuqa mill-konvenut u proprjeta’ ta’ terzi .

Il-habta sehhet f’xi disa’ ta’ filghaxija (9.00 p.m.) fil-kantuniera fejn Triq il-Knisja tizbokka fi Pjazza San Pietru u San Pawl, in-Nadur .

*A tempo vergine* l-attur spjega lis-surgent Joseph Mizzi li nvestiga l-kaz li “waqt li kont tiela’ minn Triq il-Knisja ghall-gharrieda u b’velocita’ kbira harget Jeep ghal Triq il-Knisja u saret il-habta . Jiena ma nnutajtx dawl indikatur tax-xellug jixghel” .

Il-konvenut qallu li: “waqt li kont gej mill-Pjazza waqaft, meta ergajt soqt lejn Triq il-Knisja, sibt karozza ohra go wicci . Jiena ghafast il-brejk u saret il-habta . Nghid ukoll li qabel il-habta, id-dawl indikatur tax-xellug kien jixghel” .
Bhala hsarat fil-vettturi rispettivi s-surgent innota fl-okkorrenza tieghu illi “l-Jeep garrbet hsarat fuq il-mudguard ta’ quddiem xellug, bonnet u bullbar, bumper . Il-karozza garrbet hsarat fil-bonnet, fanal il-kbir, fanal tad-dawl, indicator lemin, mudguard tal-lemin, bumper, fanal tad-dawl, indicator tax-xellug, mudguard tax-xellug, zewg spotlights, xibka, il-faccata ta’ quddiem u r-radiator” .

Fl-iskizz redatt mis-surgent Mizzi nsibu li :

(i) il-karozza ta’ l-attur halliet brake-marks ta’ 8.10 metri; waqfet ftit ‘l gewwa fi Triq il-Knisja; filwaqt illi dik il-parti t-triq hija wiesa 12.02 metri (linja imaginarja D-E), minn naha ta’ quddiem il-karozza kienet anqas sew minn 2 metri l’ boghod mill-bankina tal-lemin (lina F-I neiqsa l-wisa’ tal-bankina u nofs il-karozza) ;

(ii) il-Jeep halliet “tyre-mark bir-roti tax-xellug ta’ 2.50 metri ezatt mal-kantuniera tat-triq mal-Pjazza qrib li Stop-Sign; evidentement kienet aktar l’barra u giet spustata lura mad-daqqa .

- (ara okkorrenza u skizz relattiv: ‘Dok. JM 1 u JM 2 a fol. 57, 58 tal-process) .

Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti l-attur spjega l-incident bil-mod segwenti :

“Jiena kont tiela ghall-pjazza, sejjer sa hawn, u f’daqqa wahda harigli dan Ruben Said, minn fuq stop sign …. Kont qisu ghoxrin pied jew hmistax il-pied boghod mill-(kantuniera), smajt twerzieq ta’ tyres, … u nara d-dawl gej, u f’daqqa wahda jien zammejt il-brake, jien waqaft u dan baqa’ diehel go fija ghax ma ranix” (a fol. 84-85) .

Il-konvenut xehed illi :

“Jiena dakinhar kont qieghed l-ghassa nitkellem mas-surgent Mizzi; hrigt mill-ghassa, mill-ghassa tan-Nadur; kelli l-Jeep thares lejn il-knisja tan-Nadur, kienet ipparkjata quddiem l-ghassa tan-Nadur, qlajt bil-Jeep, hrigt hekk hemm is-salib fin-nofs tal-pjazza, hemm salib hrigt hekk mieghu u gejt niezel lejn Church Street, lejn id-direzzjoni tar-Rabat ….. Il-kollizzjoni jien kont qieghed kwazi qbadt it-triq Church Street, it-triq id-dritt nghidilha jien, kont qbadt it-triq, kif qbadtha ezatt, kif qbadtha gie l-iehor faccata mnejn il-knisja z-zghira, imbaghad hbatna hemmhekk . L-istop sign li hemm fl-art m’ghandhiex x’taqsam mal-kaz ghax l-istop sign qeghda ghal min ikun gej minn Triq il-Kappillan, minn taht nghidulha ahna, ghal min ikun gej minn taht, l-istop sign qeghda …. ma stajtx inkun ghaddej minn fuq dik l-istop sign jien” .

Xhieda okulari ohra li setghu jaghtu xi hjiel dwar kif sehhet din il-habta ma ngiebux .

Jirrizulta ghalhekk illi filwaqt illi l-attur qed jitfa' l-htija ghal din il-kollizjoni fuq il-konvenut li fil-fehma tieghu qabad u hariglu minn fuq li Stop Sign u baqa' diehel fih, il-konvenut jitfa' t-tort fuq l-attur li allegatament kien qed isuq b'certa velocita' u fuq ir-"wrong side of the road" biex gie li sabu ezatt quddiemu hekk kif hareg mill-pjazza .

It-tyre-mark ta' 2.5 metri muri fuq li skizz tas-surgent Mizzi ma' gemb il-vettura tal-konvenut, tindika minghajr dubbju li l-konvenut kien tassew gej minn fuq li stop sign, ghalkemm b'mod angolat, billi kien gej minn naha ta' fuq u mhux mit-triq fil-gemb tal-pjazza. Xorta wahda la kien hemm dan is-sinjal fit-triq kellu d-dover li jieqaf u ma jibdiex jaqla' qabel ma jkun esplora sewwa l-inhawi u jaccerta ruhu li jkun jista' johrog ghal go triq il-Knisja (Highway Code, Rules 84, 85, 86) . Il-hsara fuq il-mudguard tax-xellug tal-Jeep hija ndikattiva wkoll tal-fatt illi l-konvenut kien qieghed angolat u mhux ghad-dritt,u ghalhekk bil-vizwali tieghu ostakolata bil-kantuniera, qabel sehhet il-habta .

Ghalkemm mal-Pulizija l-konvenut stqarr illi huwa waqaf qabel ma hareg ghal go Triq il-Knisja, huwa evidenti li jekk tassew ghamel hekk, ma kienx attent bizzejjed ghat-traffiku li seta' kien tiela' minn dik it-triq qabel ma azzarda johrog go fiha . "**Id-driver li jkun diehel minn 'side road' ghal 'main road' ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u dak li jmexxi dead slow u sahansitra jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara**." ("Pulizija v. Anthony Galea": Vol. XXXVII. Pt. IV. 1953, p. 1137) .

Madankollu ma jistghax jinghad illi l-attur huwa totalment bla htija u li b'xi mod ma kkontribwiex huwa wkoll ghal dan l-incident . L-istess skizz tal-Pulizija jindika b'mod inekwivoku li l-attur kien qed isuq b'certa velocita', ghax altrimenti ma kienx ser ihalli dawk il-brakemarks ta' 8.10 metri . Jekk ma dawn inzidu t-"*thinking distance*" ukoll, jirrizulta li l-attur kien ferm aktar lura mill-hmistax il-pied li jallega li kien imbieghed mill-kantuniera

x'hin l-ewwel lemah il-vettura tal-konvenut jew id-dawl taghha, imma xorta wahda ma' rnexxielhux iwaqqaf il-karozza tieghu . Il-fatt li mbotta lura u ghat-telgha l-vettura tal-konvenut, ukoll huwa ndikattiv ta' sewqan qawwi . L-istess *brakemarks* juru wkoll illi l-attur kien qed isuq fuq il-lemin tat-triq . Dan huwa jiggustifikah billi allega li kien hemm xi karozzi pparkjati fuq in-nha l-ohra tat-triq u peress illi ried jigbed lejn il-lemin biex jidhol fil-pjazza . Madankollu anke jekk kien hemm karozzi pparkjati fuq in-naha proprja tat-triq, f'dik il-parti t-triq zgur li hija wiesa bizzejjed ('l fuq minn 12 il-metru), biex tippermetti vetturi jghaddu liberament fuq in-naha proprja taghhom minghajr ma jinvadu l-karreggjata tal-vetturi li jkun gejjin mid-direzzjoni opposta . Fi kwalunkwe kaz zgur li l-attur ma kellhux ghalfejn jigbed daqstant fuq il-lemin tieghu u daqshekk kmieni biex jidhol fil-pjazza, meta kien ikun ferm aktar prudenti li kieku resaq iktar lejn il-post indikat bil-linja O-N fuq li skizz u dar mieghu biex jaqbad il-pjazza .

Huwa minnu illi bhal ma nsibu fil-kaz : "Anna Stanley v. Alan Zahra" : "**Gie kostantement ritenut illi velocita' eccessiva tista' tesponi lis-sewwieq ghal proceduri kriminali, *in civilibus* tali velocita' ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ta' l-incident jew kontributorju ghalieh . Irid jigi stabilit illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies il-kawza prossima ta' l-incident**" (Vol. LXXVII. Pt. III. 1993, p. 93) . Imma fil-kaz in ezami rrizulta ampjament illi din il-velocita' abbinata mac-cirkostanza l-ohra li l-attur kien ghaddej '*wrong side'* kkontribwew konsiderevolment ghal din il-kollizjoni . Ghamel hazin il-konvenut li qabad u hareg go Triq il-Knisja minghajr ma kien prudenti bizzejjed . Imma hazin ukoll ghamel l-attur li ghax kien ghaddej '*wrong side*' u b'velocoita' aktar milli kien konsiljabbli qrib inkrojcu, ma setghax jevita li jibqa' diehel fil-vettura l-ohra .

Fil-fehma taghha ghalhekk jahtu ghal din il-kollizzjoni z-zewg kontendenti b'mod ugwali . L-attur ippresenta ircevuti f'somma totali ta' tmien mija tnejn u tmenin lira maltija u disa' centezmi

(Lm882.09), (Dokti. X1 sa X8 a fol. 73-79 tal-process) . B'verbal tal-10 ta' Llju 1998, il-partijiet qablu li ma kienx mehtieg li jigu prodotti rapprezentanti tad-ditti involuti fil-bejgh u tiswija tal-vettura ta' l-attur biex jikkonfermaw l-ircevuti relattivi . M'hemm l-ebda raguni ghalhekk ghaliex il-Qorti m'ghandhiex taccetta din is-somma bhala li tirrapresenta fir-realta' d-danni sofferti mill-attur fil-karozza tieghu htija ta' din il-kollizjoni . Billi a tenur ta' din is-sentenza gie deciz illi l-htija ghall-istess kollizzjoni hija taz-zewg kontendenti ugwalment, jigi li l-attur huwa ntitolat ghar-rimbors ta' nofs dawn l-ispejjez minghand il-konvenut, u ghalhekk ghas-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira maltija u hames centezmi (LM441.05) .

Ghar-rigward tal-kontro-talba maghmula mill-konvenut, l-atturi eccepew in-nuqas ta' interess guridika fil-konvenut billi l-hsarat ma gewx ikkagunati f'vettura proprjeta' tieghu . Il-Qorti thoss pero' illi gialadarba gie ppruvat, kif fil-fatt ghamel il-konvenut meta esebixxa l-ircevuta intestata lilu ghall-hlas ta' sittin lira maltija (Lm60) rappresentanti tiswijiet fuq il-Jeep Suzuki involuta f'dan l-incident, huwa bhal ma jaghmlu d-ditti assikuratrici li jikkumpensaw lill-klijenti taghhom, gie surrogat fid-drittijiet ta' sid il-vettura . Billi, kif inghad jahtu z-zewg kontendenti indaqs ghal dan l-incident, il-konvenut huwa ntitolat jigbor tletin lira maltija (Lm30) minghand l-attur .

Ghal dawn il-motivi tidecidi l-kawza billi :

1. tiddikjara illi sew l-attur kif ukoll il-konvenut jahtu indaqs ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza ;

2. tillikwida d-danni kkagunati fil-vettura ta' l-atturi fis-somma ta' tmien mija tnejn u temin lira maltija u disa' centezmi (Lm882.09) ;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nofs din is-somma, u cioe' erba' mija wiehed u erbghin lira maltija u hames centezmi (Lm441.05);

L-ispejjez tal-kawza jithallsu indaqs bejn l-atturi u l-konvenut .

Tiddecidi dwar il-kontro-citazzjoni billi :-

1. tiddijara, kif fuq inghad, lill-attur u lill-konvenut hatja ndaqs ghal din il-kollizjoni ;

2. tillikwida d-danni kkagunati fil-vettura misjuqa mill-konvenut fis-somma ta’ sittin lira maltija (Lm60) ;

3. tikkindanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut nofs din is-somma u cioe’ tletin lira maltija (Lm30).

L-ispejjez tal-kontro-citazzjoni ghandhom ukoll jigu ssoportati ugwalment bejn l-atturi minn naha u l-konvenut minn naha l-ohra .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S19594G1(Pc)